# The Pearl of Hungary

## Budapest

**INŻURU:** Budapest, West End Shopping Centre, Puzsta, Visegrad, Estergom, Szetendre, Eger u Bratislava

**GRUPP A:** 10 - 15 ta' Mejju
**GRUPP B:** 13 - 18 ta' Settembru
**GRUPP Ċ:** 11 - 16 t'Ottubru

### L-ERBGĦA

Niltaqgħu l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-6:45 għat-titjira FR 2278 li ttir lejn **Budapest** fid-09:05 u naslu fin-12:20. Transfer bil-kowċ fejn ikollna **city tour** bil-kowċ u gwida tal-lokal (English Speaking) fejn naraw il-bini tal-Parlament, il-Pjazza ta' l-Eroj, l-Opera House, il-Palazz Irjali, ic-Cittadella u l-Fisherman's Bastions. Inkomplu lejn il-Hotel NH Budapest City 4 star fiċ-ċentru ta' Budapest fejn issir is-sistemazzjoni tal-kmamar u wara ħin liberu.

### IL-ĦAMIS

Eskursjoni mill-iżjed interessanti li toħodna fil-belt ħelwa ta' **Eger**. Din hija waħda mill-isbaħ bliet barokki tal-Ungerija fejn anki nsibu t-tieni l-akbar knisja ta' dan il-pajjiż. Naraw ukoll il-kastell medjevali (dħul extra) kif ukoll il-Palazz tal-Isqof tas-seklu ħmistax. Naraw ukoll minarett storiku Ottoman, 40 metru għoli. Eger hija magħrufa wkoll għall-ispas, inbid, kif ukoll għat-toroq mimlijin bini mill-isbaħ. Filgħaxija (optional) Folklore Show + dinner għal serata pjaċevoli, bi żfin u kostumi folkloristiċi.

### IL-ĠIMGĦA

Wara l-breakfast se nżuru l-belt kapitali ta' Slovakja, **Bratislava**. Niskopru din il-belt fuq ix-xmara Danubju billi nżuru l-kastell li jiddomina fuq il-belt, panorama mill-isbaħ. Wara mmorru fiċ-ċentru storiku mimli bini majestuż bħal Main Square, Franciscan Square, Michael's Gate, St. Martin's Cathedral, Primate Palace. Wara ħin liberu għall- ikel (extra) u personal sightseeing. Nirritornaw lura Budapest.

### IS-SIBT

Eskursjoni ta' jum sħiħ għall-bliet sbieħ madwar ix-xmara Danubju, magħrufa bħala Danube Bend. L-ewwel waqfa tagħna tkun f'**Szentendre**, villaġġ sabiħ immens mibni fuq stil barokk li jinsab 20km 'il bogħod minn Budapest. Inkomplu lejn **Visegrad**, fortizza li minnha tara veduti uniċi. Inkomplu lejn **Esztergom** fejn naraw il-Katidral, Porta Speciosa, Pjazza Szechenyi, kif ukoll knejjes u toroq dojoq tipiċi taċ-ċentru storiku. Ħafna jqisu din l-eskursjoni bħala l-isbaħ waħda. Nirritornaw lura l-hotel. Wara nżuru l-West End Shopping Centre fejn hawn insibu madwar 400 ħanut, bars u restaurants.

### IL-ĦADD

Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Puzsta u Kecskemet**. Vjaġġ panoramiku jwassalna fil-belt ta' **Kecskemet**, fejn flimkien mat-tour leader nagħmlu dawra mal-post u ħin liberu għal xiri ta' souvenirs. Inkomplu l-eskursjoni tagħna lejn **Puzsta** fejn ser ikollna l-opportunita' li mmorru dawra bil-karozzelli madwar il-pjanuri. Wara jkollna show fejn naraw il-kapaċita' kbira li juru rikkieba waqt wirja spettakolari biż-żwiemel. Spettaklu li ma jintesa' qatt. Wara niġu servuti welcome drink u jkollna pranzu tradizzjonali (imħallas) inkluż l-inbid. Nirritornaw lura Budapest b'ħafna memorji sbieħ. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

### IT-TNEJN

Wara li nieħdu l-buffet breakfast ikollna ħin liberu. Wara transfer lejn l-ajruport ta' Budapest minn fejn ikollna titjira ma FR 2277 li titlaq fis-18:55 u naslu lura Malta fid-21:10.

**6** T'IJIEM

MINN € **785** KULL PERSUNA

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET U TAXXI NKLUŻI

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €835 | €785 |
| Kamra żewġ persuni | €830 | €780 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,060 | €1,010 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €650 | €600 |
| Folklore Show | | €35 |
| Suppliment Gruppi B u C | | €50 |

### PREZZ JINKLUDI

- Titjira mal WizzAir Malta-Budapest-Malta
- 20kg luggage allowance + reserved seats
- 5 lljieli – NH Budapest City 4 star fiċ-ċentru ta' Budapest
- Buffet Breakfast kuljum
- Eskursjonijiet kollha mħallsa (esklużi l-entraturi, cable cars u boat trips)
- Taxxi tal-ajruport u city tax.
- Tour Leader
- Insolvency protection

